**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Francesco Farrugia**

**Appell Nru: 368/2023/2**

**Illum, 8 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **Francesco Farrugia** detenur tal-karta tal-identita Maltija **426703M**, ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u akkużat talli:

Nhar is-7 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 21:30hrs fi Triq Tumas Dingli, Żabbar kantuniera ma Triq il-Kunvent, Żabbar;

1. Waqt li kien qed issuq vettura Nru.CCJ238 inqast li tieqaf fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika 'STOP'. (Reg.2, Yaqsima Il-partita E(a)LS.65.05)

2. Saq vettura Nru.CCJ238 b'manjiera bla kont. (sec.15(1)(a)(3)Chap.65)

3. Waqt is-sewqan, naqas li jkollu kontroll kontroll shih tal-vettura Nru.CCJ238(Sec.68 LS.65.11)

4. Saq vettura Nru.CCJ238 minghajr ma kienet koperta b'polza b'assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuna (Sec.3(1) Chap 104)

5. Bil-hsieb biss li jghamel uzu temporanju mill-vettura Nru.CCJ238, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor ikun li jkun, soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek il-kunsens tas-sid taghha jew awtorita legittima ohra (Sec.61(1)Chap 65)

Il-Qorti giet ġentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat milli żżomm jew jkollhu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu taż-żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-24 ta' Ottubru,2023, filwaqt li **l-Qorti illiberatu mill-ħames imputazzjoni, il-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn (pero' fi grad inqas u cioe fil-livell ta' sewqan b'mod traskurat), tlieta u erbgħa u ikkundannatu jħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800).**

B'żieda mal-piena tal-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art.3(2A) tal-Kap.104 u tal-Art.15(3) tal-Kap.65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax–il xahar u tmient ijiem. Fuq talba tal-imputat il-Qorti awtorizzat il-ħlas tal-multa ssir fuq medda ta' tmienja u għoxrin (28) xahar f'pagamenti mensili ta' mitt euro (€100).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francesco Farrugia, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Filqawt li **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati u illiberatu mill-hames imputazzjoni;

- **Thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni,htija u piena;
- F'kull kaz u sussidjarjament, **thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant, u minflok **tinfliggi piena aktar idonea** skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi l-esponenti appellant qatt ma setgha jinstab hati tal-akkuzi odjerni u dan ghas-semplici raguni li hekk kif xehdu l-istess zewg *parte civile*, l-allegat sewqan irregolari sehh fi Triq il-Kunvent u mhux fuq Triq Tumas Dingli kif gie indikat fl-akkuza. Illi di piu' l-Prosekuzzjoni lanqas gabu prova sufficienti fil-ligi li dan l-incident filfatt sehh fis-7 ta' Mejju 2022 kif indikat, ghaliex meta xehed il-parte civile Joe Cucciardi, dan qal li l-incident sehh f'Jum il-Mara, u cioe 8 ta' Marzu.

Meta xehed **Joe Cucciardi** u kien mistoqsi fejn sehh l-incident, dan qal hekk:

> *'Qorti: Sinjur, tista tfakkarna ftit fejn sehh l-incident? Int ghidt it-triq il-principali jigifieri triq li twassal ghal-knisja?*
>
> *Joe: Le triq li twassal lejn l-isko;a, dik Convent Street.*
>
> *Qorti: Triq il-Konvent, hemm kont?*
>
> *Joe: Hemmhekk '*

Illi di piu' meta mistoqsi mill-Prosekuzzjoni meta sar l-incident, il-*parte civile* rrisponda hekk:

> *'Pros: Inti tiftakar meta kien gara dan l-incident?*
>
> *Joe: Jum il-mara minghalija, Mejju, ghax konna is-sena l-ohra,'*

Meta mbagħad xehdet il-*parte civile* l-oħra s-Sinjura Stella Cucciardi, mistoqsija minn fejn kienet ġejja l-karozzi ta' l-appellant hi, qalet hekk:

> *'Pros: Mela sinjura tiftakar il-karozza l-ohra minn fejn kienet gejja?*
>
> *Stella: Kienet gejja mit-triq tal-iskola l-ohra hekk.*
>
> *Pros: Taf x'jisimha din it-triq ghal li jista jkun?*
>
> *Stella: Ma nafx.'*

Illi ghalhekk il-*parte civile* Joe Cucciardi qal illi l-inċident seħħ fi Triq il-Kunvent, u di piu' qal li l-inċident seħħ f'Jum il-Mara li jiġi fit-8 ta' Marzu, mentri l-mara tiegħu Stella Cucciardi qalet li ma tiftakarx it-triq x'kien jisimha. Għalhekk fl-umli opinjoni tal-appellant il-Prosekuzzjoni ma ġabu l-ebda prova li fil-fatt ir-reat seħħ fis-7 ta' Mejju 2022 u fi Triq Tumas Dingli kif ġie indikat fl-akkuża.

Illi l-ġurisprudenza fuq dan il-każ nafu x'jgħidu, li persuna ma tistax tinstab ħati li kkommetta reat f'lok u f'ġurnata meta fil-verita' la jirriżulta li kien qiegħed f'dak il-lok f'dik il-ġurnata u lanqas jirriżulta li l-allegat reat seħħ f'dak il-lok u f'dik il-ġurnata. Is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 360 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha fil-qosor, il-fatti ta l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw..."*

Fid-dawl ta' din is-sottomissjoni hemm diversi sentenzi, fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Imħallef Edwina Grima l-**<u>Pulizija kontra Jon Paul Azzopardi</u>** fejn il-Qorti tgħid:

> *"Il-Qorti ma tista' tinsa qatt issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat jekk ikun sehh mhux biss fi zmien iehor izda wkoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz mressaq il'quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna tkun tista' thejji d-difiza taghha tajjeb, u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Jekk il-fatti jkunu gew indikati hazin allura l-binarji tal-azzjoni ma jkunux*

*gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.F'dan il-kaz l-appellant qatt ma jista' jigi misjub hati ta' reat li twettaq f'post jew lok fejn hu ma kienx jinstab fil-hin indikat fl-akkuza ghaliex jidher li dak il-hin hu ma kienx gewwa Triq il-Ferrovija izda kien qieghed fi Triq il-Kappillan Mifsud."*

Sentenza oħra mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet <u>Pulizija vs John Mary Briffa</u> kienet titratta dwar il-partikularijiet taż-żmien fiċ-ċitazzjoni fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew 'għal ħabta tas-7:30 pm' mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ 'għal ħabta tas-7:30 am'. Il-Qorti hawnhekk qalet illi:

*'L-imputazzjoni ghakhekk kif imposta qed tirreferi ghal xi haga li allagetament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati hekk kif fil-fatt instab'*

Illi għalhekk fuq din is-sottomissjoni waħedha, l-appellant umilment jeċepixxi li l-Onorabbli Qorti kienet kompletament errata fid-deċiżjoni tagħha.

Illi fuq il-mertu tad-dinamika tal-inċident per se, l-appellant kien ħiereġ minn side road u għalhekk ma jistax ikun li kien għaddej bi speed eċċessiv, filfatt fix-xhieda tagħha t-tfajla tal-appellant Isis Żammit qalet li huma ma kienux għaddejjin iktar minn 20km/hr.

*'Pros: Do you recall what the speed was when the incident happened?*

*Isis: Not more than 20km/hr.'*

Hija qalet ukoll li l-appellant waqaf fuq l-istop sign u raħa li ma kien ġej ħadd qabel ma ħareġ għal ġol-main road.

*'...we were in a cross and he stopped at the stop sign and he didn't see anyone from the mirror, he continued going out and exactly when he looked to the right to see if the car came, he sawthe car, pressed the break and it wasn't enough time to stop completely not to get hit'*

Illi għalhekk l-ewwel tliet akkużi ma jossussitux għaliex l-appellant kien qiegħed isuq bil-galbu u filfatt waqaf fuq l-*istop sign* u ħares mill-mera qabel ma ħareġ għal ġol-main road, bi speed ta' 20km/hr. Kien il-*parte civile* li kien għaddej bi speed eċċessiv tant li laħaq wasal fuq l-appellant għal-għarrieda bil-konsegwenza li kien hemm il-ħabta,u l-karozza tiegħu spiċċat fuq il-bankina.

Rigward ir-raba' akkuża, l-artikolu 3(1B) tal-kapitolu 104 jgħid illi '*it shall be a valid defence in prosecution for an offence under sub-article (1) for the defendant to prove that the offence was coomitted without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commision of the offence.*' Illi minn naħa tiegħu l-appellant ġie misluf il-karozza mingħand il-kunjata tiegħu, li aċċertatu li hi setgħet tagħmel dan minħabba li hi kella l-prokura ta' missierha, li kien ġo *home* tal-anzjani. Huwa ma kellu l'ebda mezz biex ikun jaf li l-karozza kienet inxurjata fuq in-nannu tat-tfajla biss u mhux fuq terzi persuni, u kien kompitu tal-kunjata tal-appellant li tiċċekja dan qabel ma ssellifhielu. Għalhekk l-akkużi relevanti riedu jinħarġu kontra l-kunjata tal-appellant fuq dan u mhux kontra l-appellant innifsu.

Illi sussidjarjament, l-appellant jagħmel referenza għall-piena nflitta fil-konfront tiegħu , ossia primarjament is-sospensjoni tal-liċenzja għal perjodu ta' sena. Illi meta wieħed jikkunsidra l-fatti kollha tal-każ, fl-umli opinjoni tal-appellant, il-piena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva fil-każ odjern.

Illi l-appellant għandu kondotta netta u qatt ma nstab ħati ta sewqan perikoluż u se mai din kienet l-ewwel darba li nstab ħati fuq sewqan traskurat. Barra minn hekk huwa ħallas is-somma ta' 3,200 Euro tal-insurance tal-karozza tal-*parte civile* kif ukoll is-sinna ta' Stella Cucciardi li nkisritilha kawża tal-inċident. Minn naħa tagħhom is-sinjuri Cucciardi ddikjaraw ukoll (liema dikjarazzjoni tinstab fil-proċeduri kriminali) illi huma ma ridux li jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant.

L-appellant jaħdem bħala *delivery person* u għandu bżonn il-liċenzja tas-sewqan biex jaħdem. Minħabba s-sentenza li ngħata hu ġie *demoted* għal *helper* flok xufier fix-xogħol tiegħu għaliex ma jistax isuq għal sena kif ukoll riduzzjoni konsiderevoli fil-paga tiegħu. Tenut kont tal-fedina penali netta l-istess appellant, huwa umilment jitlob li tali skwalifika tiġi mneħħija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jistqar li l-ewwel Qorti ma setgħetx issib lill-appellant ħati u dan għaliex huwa ġie akkużat li saq fi Triq Tumas Dingli kantuniera ma' Triq il-Kunvent Żabbar meta mill-provi u cioe mix-xhieda tal-parte civile jirriżulta li l-appellant ġie mwaqqaf meta kien fi Triq il-Kunvenut. In oltre jgħid li minkejja li ġie akkużat li dan seħħ fit-7 ta Mejju 2022 mill-provi ma jirriżultax il-jum u dan għaliex filwaqt li Joseph Cucciardi jgħid li dan kollu seħħ f'jum il-mara u għalhekk fit-8 ta' Marzu 2022 martu Stella tgħid li ma tiftakarx meta seħħ l-inċident. L-appellant għalhekk isostni li l-akkużi ma jistgħux jirriżultaw provati stante li l-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova li filfatt ir-reat seħħ fis-7 ta' Mejju 2022 u fi Triq Tumas Dingli kif ġie indikat fl-akkuża.

Illi għalhekk din il-Qorti trid tesamina il-provi prodotti qabel ma tista titratta mal-aggravji sollevati mill-appellant.

Rat l-affidavit ta' **PS 133 J.C. Mangion** esebit fl-atti minn fejn jirriżulta li nhar is-7 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tad-21.30 ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Ħaż Żabbar daħlet persuna tgħid li ftit il-bogħod mill-għassa ħdejn tal-pastizzi ġewwa Triq il-Kunvent Żabbar kien hemm ħabta u weġġħet persuna. Huwa għalhekk mar fuq il-post u sab vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 nofsha 'l barra mill-istop fil-crossroads ta' Triq l-Kunvent u Triq Tumas Dingli Żabbar. Ftit metri 'l fuq

minn din il-vettura fi Triq il-Kunvent Żabbar kien hemm vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 664 nofsha fit-triq u nofsha fuq il-bankina bil-parti ta' quddiem tagħha tmiss mal-ħajt tal-iskola primarja B ta' Haz Zabbar.

Is-sewwieq tal-vettura CCJ 238 ċertu Franesco Farrugia meta mitkellem qal "*kont ghaddej minn Triq Tumas Dingli Zabbar pero meta ghafast il-brake ma bbrejkjatx*." Meta mitlub il-liċenzja u polza ta' assikurazzjoni irriżulta lil-liċenzja hija waħda valida però l-assigurazzjoni kienet tkopri biss lil sid il-vettura ċertu Anthony Saliba.

Il-passiġġiera tal-vettura CCJ 238 kienet Lysis Zammit Saliba fejn qalet " *We were driving and we didn't see anyone. Francsco pressed the brake when he saw the lgihts but didn't stop in time."*

Meta nforma il Francesco li kienu ser jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu rigward in nuqqas ta' assigurazzjoni Lysis qalet li l-vettura tgħajjat lin-nannu tagħha li qiegħed ġo home u qas biss jaf x'inhu jiġri.

Huwa ordnalhom sabiex il-vettura tiġi ittowjata minn fuq il-post. Meta Francesco u Lysis kienu mistoqsija jekk weġġħux dawn wieġbu fin-negattiv. Bħala ħsarat il-vettura CCJ 283 kellha fil-bumper ta' quddiem u fil-bonnet. Is-sewwieq tal-vettura JBO 664 ċertu Jospeh Cucciardi meta mitkellem qal " kont għaddej triq minn triq il-Kunvent u l-ieħor baqa' ħiereġ" Huw talbu l-liċenzja tiegħu u l-polza ta' assigurazzjoni dawn irriżultaw kollha validi. Meta staqsih jekk weġġax Joseph wieġeb fin-negattiv. Joseph ġie infurmat sabiex jipproduċi stima tal-ħsarat jekk irid li jittieħdu passi fir-rigward tal-ħsarat fil-konfront ta Francesco.

Fuq il-post kien hemm ċertu Stella Cucciardi li hija mart Joseph u kient passiġġiera miegħu. Meta mitkellma din qalet " *filli mixjin filli gejt wicci mal-hajt ma l-isteering*". Meta mistoqsija hekk kienitx weġġħatx Stella wieġbet li kienet weġġħat u għalhekk ġiet infurmata sabiex tirrikorri l-policlinic sabiex tiġi imdewwija u iċċertifikata u ċ-ċertifikat tgħaddieh lilu.

Bħala ħsarat il-vettura JBO 664 kellha fil-mudguard u wara tan-naħa tal-passiġier fil-bieba ta' wara tan-naħa tal-passiġġier fil-bumper ta' wara u ta' quddiem u fil-bonnet. Fuq il-post ma nnota l-ebda CCTV camera li seta jgħin fl-istħarriġ.

Fis-26 ta' Mejju 2022 Joseph Cucciardi ppreżenta ċertifikat mediku tal-ġrieħi ħfief salv komplikazzjonijiet maħruġ minn Dr A Chircop. Joseph iffirma dikjarazzjoni li ma jixtieqx li jittieħdu passi fir-rigward il-ġrieħi li sofra. Nhar it-30 ta' Mejju 2022 Stella marret tirrapporta li ma tridx li jittieħdu passi fir-rigward il-feriti li sofriet. Fit-3 ta' Awwissu 2022 Joseph irrapporta l-għassa fejn iffirma dikjarazzjoni li ma jixtieqx li jittieħdu passi fil-konfront ta' Francesco minħabba il-ħsarat li għandu fil-vettura.

Huwa pprova jagħmel kuntatt ma' sid il-vettura CCJ 238 ċertu Anthony Saliba però' irriżulta fin-negattiv għalhekk informa lil PC 2024 mill-għassa tal-Qawra sabiex tiġi impustata letter to call pero sal 11 ta' Awwissu 2022 dan Anthony baqa' ma marx l-għassa.

**Joe Cucciardi** xehed nhar is-17 ta' Jannar 2023 u spejga li kien niżel mal-mara Stella main road Haz Zabbar fid-dritta. Jgħid li l-vettura l-oħra ħarġet minn ħdejn l-iskola u tahom daqqa u tefagħhom ġol ħajt.

Jgħid li huwa kien qed isuq vettura tal-għala Ractis numru ta reġistrazzjoni JBO 664. Qal li martu spiċċat taħt id-dashboard bi sniena maqlugħa. Jgħid li s-sewwieq l-ieħor qallu li ma kienx sab il-brejkijiet. Qallu ukoll li setgħa jagħmel li jrid għaliex il-karozza ma kienitx tagħhom. Huwa għaraf lill-akkużat appellant bħala s-sewwieq tal-vettura l-oħra. Qallu biex ineħħi l-karozza minn nofs u ftit wara waslu l-pulizija. Mistoqsi meta seħħ l-inċident jgħid li kien jum il-mara. Mejju s-sena l-oħra u għalhekk 2022. Qal li minn fejn ħareġ is-sewwieq l-ieħor kien hemm stop-sign mal-art. Huwa kien qed isuq fid-dritta nieżel bil-mod. Mistoqsi fejn seħħ l-inċident jgħid *"li kienet triq twassal lejn l-iskola, Convent street."*

Mistoqsi jekk kellimx is-sewwieq l-ieħor jgħid li dan niżel u qallu li kien mar b'delivery li l-vettura ma kienitx tiegħu li kien mar għat-tfajla. Qal li l-ispejjeż li inkorra anke għand id-dentist ħelsithom is-soċjetà assikuratriċi tiegħu. Il-vettura tiegħu sewwieha iżda kien għad jonqsu jiġbor in-no claim bonus għaliex is-soċjetà assikuratriċi tiegħu qaltlu li kienet ser tħallsu is-soċjetà assikuratriċi l-oħra .

**Stella Cucciardi** xehdet nhar is-17 ta' Jannar 2023 u spejgat li kienu niżlin Triq Kunvent u f'daqqa u l-ħin sabu ruħhom wiċċhom mal-iskola. Bid-daqqa li qalgħu mis-sewwieq l-ieħor telgħu fuq il-bankina. Hija għarfet lill-appellant bħala is-sewwieq l-ieħor. Qalet li mad-daqqa inkisrulha erba' sinniet. Mistoqsija x'jisimha it-triq tgħid li ma tafx. Tgħid li s-sewwieq l-ieħor kellu stop sign minn fejn kien ħiereġ. Mistoqsi jekk ħaditx xi kumpens għal ksur tas-snin tgħid li kienu fetħu l-claim iżda għadhom ma irċevew l-ebda ħlas la tad-danni fil-vettura u lanqas tas-snien li kisrilha.

Isis Żammit xehdet nhar is-17 ta' Jannar 2022 tgħid li kienet passiġġiera mal-appellant u kienu fi cross roads u meta ħarġu raw lill-parte civile. Spjegat li l-appellant kien xogħol night shift u kellu delivery ta' pizza u l-vettura tiegħu kienet waqfet xi sagħtejn qabel l-inċident. Għalhekk staqsiet lill ommha li kellha l-vettura tan-nannu tagħha jekk setgħux jagħmlu użu minnha għal dak ix-shift. Tathom il-permess u għalhekk matul il-lejl kienet riekba passiġġiera miegħu. Tgħid li l-appellant waqaf ma' stop sign u ma ra lil ħadd ġej mill-mera u għalhekk ħareġ mit-triq u meta ħares lejn il-lemin biex jara jekk kienitx ġejja xi karozza ra karozza kienet ġejja iżda ma kellux biżżejjed ħin sabiex jibbrejkja u jevita l-inċident. Qalet li kienu mixjin mhux iktar minn 20km/ph Qalet li l-appellant kien qed isuq il-vettura tan-nannu tagħha li qiegħed f'*home* il-Mellieħa. Qalet li huma saqu il-vettura tiegħu bil-kunsens ta' ommha.

**Jacqueline Saliba** xehdet nhar is-17 ta' Jannar 2023 xehdet u spejgat li missierha jinsab fi home u għalhekk ma setgħax jitla' jixhed. Qalet li hija għandha il-prokura ta' missierha.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a dol. 15 redatta minn PC 1160 Owen Sammut nhar is-7 ta Mejju 2022 għall-ħabta tad-21.30. Rat iż-żewġ dikajrazzonijiet tar-rinunzja ta' Joseph Cucciardi għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant li jinsabu esebiti fl-atti a fl. 20 u 21. Rat iċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr A Chircop fejn iddeskriva il-feriti li subixxa Joe Cucciardi hija ta' natura ħafifa *save complications.* Rat id-dikajrazzoni tar-renunzja ta' Stella Cucciardi għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant li jinsabu esebiti fl-atti a fl. 23. Rat iċ-ċertfikat mediku rilaxxjat minn Dr D DeGaetano fejn ddeskriva il-feriti li subiet Stella Cucciardi fejn id-deskrizzjoni tal-feriti kienu pending id-*dental review.* Rat iċ-ċertfikat mediku rilaxxjat minn Profs Julian

Mamo sabeix AnthonySaliba jiġi eżentata milli jagħti x-xhieda tiegħu stante li ibagħti minn *severe dementia.* Rat il-prokura maħruġa a favur Jacqueline Saliba minn missierha Anthony Saliba maħruġa minn Dr Jean Carl Debono. Rat il-photocopy ta' polza ta' sigurta maħruġa fuq Anthony Saliba.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Ili fl-ewwel aggravju l-appellant isostni li ma setax jinstab ħati tal-akkużi tnejn sa ħamsa u dan għaliex ma giex pruvat b'mod sodisfacenti li l-incident sehh nhar is-7 ta Mejju 2022 u li seħħ ġewwa Triq il-Kunvent u għalhekk din il-Qorti għandha tilliberah.

Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali. Id-dettal tal-ħin jista' jitqies li huwa wieħed mill-kriterji li huwa meħtieġ mill-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali (partikolaritajiet ta' żmien) u f'każ bħal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx interrogat o meno. Sussegwentament il-Qorti sejra tifli l-ġurisprudenza f'dan ir-rigward, fosthom dawk is-sentenzi kkwotati mill-appellant innifsu.

L-**artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta jaqra li:

> '*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi filmandat.*' *(Enfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] vs Andre' Falzon'**[1] ġie kkunsidrat li:

> '*Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu,*

[1]

*jew inkella li ma kenitx l- inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa lkodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din ilQorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti. Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Fir-rigward taċ-ċitazzjoni w żbalji relatati magħha, din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Azzopardi**[2] fejn ġie ritenut hekk:

*'Meta ġew biex jinterpretaw l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, dawn il-Qrati tradizzjonalment għalmu li ċċitazzjoni hija avviso a comparire. L-appellant jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et,**[3] fejn dik il-Qorti, wara li wkoll għamlet eżami tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u ta sitwazzjonijiet fejn tirriżulta diskrepanza bejn partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u l-provi li jirriżultaw matul il-kors tal-kawża, għamlet ukoll riferenza għal diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati li ddipartew mill- ġurisprudenza dwar il-karatteristika tal-avviż bħala merament avviso a comparire. Kien hemm każijiet fejn dawn il-Qrati iċċensuraw indikazzjonijiet ħżiena tal-ħin li setgħu faċilment ġew korretti mill-Prosekuzzjoni fuq talba appożita.3 Pero kien hemm ukoll każijiet fejn l-aggravji kienu jiċċentraw dwar indikazzjoni*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru, 2019.
[3] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018

*ħażina fl-avviż tal-ħin li fih ikun seħħ l-allegat reat (eżempju varj*azzjoni b'xi tnax il-siegħa) u li bdew jiġu milqugħa. L-argument imressaq f'dawn il-każijiet huwa li kien dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li jekk kien hemm xi żball fl-avviż, din kellha tagħmel talba apposita għall-korrezzjoni tempestivament.

Din il-posizzjoni aħħarija ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża **__Il-Pulizija vs Warren Piscopo__**[4] nonche fis-sentenza **__Il-Pulizija vs Rita Theuma__**[5].Fil-kawża **__Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et__**[6], din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet aggravju li kien jilmenta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-imputati ħatja ta' reat li fl-avviż kien indikat li seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma Triq il-Merkanti, Valletta, mentri fil-fatt il-post fejn allegatament seħħ ir-reat mill-provi ħareġ li l-faċċata tal-fond fejn allegatament seħħ ir-reat kien fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li: Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.' (enfasi ta'din il-Qorti)

In oltre, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs John Paul Azzopardi__**[7], li għamel referenza għaliha wkoll l-appellant fir-rikors t' appell tiegħu. F'din is-sentenza ġie ritenut hekk:-

*'Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Warren Piscopo__** u **__Pulizija vs Rita Thuema__**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u*

[4] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[5] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[6] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.
[7] D eciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Noembru 2017

> *sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex ilpersuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. Issa f'dan il-kaz l-appellanti qatt ma jista' jigi misjub hati ta' reat li twettaq f'post jew f'lok fejn huwa ma kienx jinstab fil-hin indikat fl-akkuza ghaliex jidher illi f'dak il-hin huwa kien jinstab gewwa Triq il-Ferrovija u mhux fi Triq il-Kappillan Mifsud.'*

Illi pero f'din il-kawża l-appellant ġie akkużat talli saq il-vettura tiegħu nhar is-7 ta' Mejju 2022 fi Triq Tumas Dingli Zabbar kantuniera ma' Triq il-Kunvent Żabbar mhux kif ġara fil-każ appena ċitat fejn kien hemm diskrepanza bejn dak li rriżulta mill-provi u dak li ġie akkużat bih. Illi mill-provi prodotti kemm mill-affidavit tal-pulizija esebit fl-atti a fol. 2 jirriżulta li l-inċident seħħ f'inkroċju Triq Tumas Dingli ma' Triq il-Kunvent kif ukoll mix-xhieda ta' Joseph Cucciardi jirriżulta li l-inċident seħħ f'dan l-inkroċju. Illi ma jirriżultax li l-appellant ma kienx jaf għal liema inċident kienu ħarġu dawn l-akkużi tant li fl-okkorrenza hemm ukoll il-verżjoni tal-fatti ta' kif seħħet l-kollizjoni mogħtija minnu stess.

Dwar id-data huwa minnu li fl-akkuża hemm miktub li l-inċident seħħ nhar is-7 ta' Mejju 2022. Joseph Cucciardi jgħid li l-inċident seħħ f'jum il-mara f'Mejju. L-affidavit ta' PS 133 Mangion jikkonferma li l-inċident li huwa investiga bejn il-kontendenti seħħ jum 7 ta' Mejju 2023 u għalhekk jirriżulta biċ-ċar meta seħħ l-inċident meta l-appellant kien qed isuq il-vettura tiegħu. Iċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire* li kieku l-appellant ma kienx jaf għal liema inċident kienet qed tirreferi l-komparixxi seta talab għal postponiment sabiex jirregola id-difiża tiegħu pero dan m'għamlux. Meta xehdet l-*partner* tal-akkużat hija ddiskreviet l-istess inċident li hemm rapportat fl-okkorenza u fl-affidavit ta' PS 133 JC Mangion u għalhekk tali aggravju qed jiġi riġettat.

Dwar it-tieni aggravju u cioe li ma kienx tort tal-appellant li seħħ dan l-inċident għaliex huwa kien wieqaf fuq *stop sign* u wara saq biss b'20km/fs. Jirriżulta bla tlaqliq li l-appellant kien qed isuq fi Triq Tumas Dingli waqt li l-*parte civile* Joseph Cucciardi kien qed isuq bi dritta fi Triq il-Kunvent. Illi pero mill-provi jirriżulta mix-xhieda tal-

konjuġi Cucciardi li ma ġewx kontradetti li l-appellant ħareġ minn fuq l-*istop sign*. Kien għaliex huwa ħareġ bla ma ha l-prekawzjonijiet neċessarji li mbagħad sab lill-*parte civile* ma wiċċu tant li tah daqqa u tefgħu fuq bankina. Illi dan jindika biċ-ċar li l-appellant ma żammx *proper look out* meta qabad u ħareġ b'negliġenza minn fuq *stop sign* u ma tax każ it-traffiku li kien għaddej fuq triq prinċipali ewlenija.

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeżerċita" a *proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi ġie ukoll ritenut li hu dover ta' driver" to *see what is in plain view"* (App.Krim. **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Vella</u>**[8] ) u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm "*a proper lookout*" (App.Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. J. M.Laferla</u>**[9]. Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb `il quddiem, apparti l-vettura li skondu kienet għadha ferm il-bogħod, kien żgur jara l-vettura tal-parte civile ġejja li wara kollox irriżulta li kienet verament viċin tiegħu. Illi għalhekk it-tieni u jirriżultaw provati b'mod sodisfaċenti pero fir-rigward tat-tieni akkuża din il-Qorti bħal ewwel Qorti qed issibu ħati tar-reat kompriż u involut ta' sewqan traskurat u mhux sewqan bla kont.

Dwar ir-raba akkuża u ċioe li huwa saq l-vettura ta' Anthony Saliba numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta kontra r-riskju ta' terzi persuni din il-Qorti tagħmel referenza għad-difiża msemmija fil-liġi stess fl-artikolu 3(1B) tal-kapitolu 104 li jgħid illi:-

> *'it shall be a valid defence in prosecution for an offence under sub-article (1) for the defendant to prove that the offence was coomitted without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commision of the offence.'*

Illi f'dan il-każ jidher li kienet omm it-tfajla tiegħu ċertu Jacqueline Saliba li silfet il-vettura ta' missierha lill-appellant u dan peress li hija għandha il-prokura tal-ħwejjeġ ta' missierha Anthony fosthom ta' din il-vettura. Għalhekk kien jispetta lil din Jacqueline taċċerta ruħha li l-vettura kienet kopert bi polza ta' sigurta qabel ma tat il-

[8] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-10 ta Awwissu 1963
[9] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nharis-17 ta Gunju 1961

kunsens tagħha sabiex il-karozza tintuża minn l-appellant. Il-prosekuzzjoni għandha tressaq lil din Jacqueline Saliba il-Qorti u takkuża lilha talli silfet karozza numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 lil Francesco Farrugia meta din ma kienitx koperta bi polza ta' sigurta kontra terzi persuni. Għalhekk din il-Qorti ma hiex konvinta li l-appellant kien jaf li l-vettura ma kienitx koperta b'tali polza stante li kienet omm l-għarusa stess li tathielu biex isuqha u konsegwentement kuntrarjament għall-ewwel Qorti ma hiex ser issibu ħati tagħha.

Ili għalhekk din il-Qorti kuntrarjament għall-ewwel Qorti qegħda issib lill-appellant ħati tal-ewwel tlett akkużi u fit-tieni akkuża bħal ewwel Qorti qed issibu ħati ta' reat involut u kompriża fir-reat ta' sewqan bla kont u ċioe ta' sewqan traskurat. Mhux qed issibu ħati tar-raba' akkuża u għalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena.

Stante li din il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lill-appellant ħati tal-ewwel tlett akkużi biss qegħda timmodifika l-piena nflitta u tikkudannah għal piena ta' mitejn euro (€200) u qegħda tordna l-iskwalifika tas-sewqan għal perjodu ta' tmint ijiem mill-illum f'nofs il-lejl. Mhux qegħda ssib lill-appellant ħati tar-raba akkuża minn liema akkuża qed tilliberah. Qed tikkonferma dik il-parti ta' l-ewwel sentenza fejn ma sabitux ħati tal-ħames akkuża u illiberatu minnha.

Ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tawtorizza lill-appellant iħallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' €50 purche l-ewwel pagament isir mhux aktar tard mill-20 ta' Frar 2024 u fin-nuqqas il-bilanċ restanti jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija skond il-Liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**